MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Talba Numru. 527/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Grech Julie Agnes**

**ID 379596M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Settembru, 2013 illi 'l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' mitejn hamsa u sebghin ewro u sebghin centezmu (€275.71) in konnessjoni ma' 79377956 (AC40195919) liema servizzi gew ikkuntratti permezz ta' kuntratt datat 24 t'April, 2012.

Illi l-ammonti fuq imsemmija jinkludu l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticioata tal-kuntratt fl-ammont ta' disgha u sebghin ewro (€79) skont il-kuntratt fuq citat.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1661/13, u bl-imghaxijiet mid-19 ta' Lulju, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-4 ta' April, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-4 ta' April, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn hamsa u sebghin ewro u sebghin centezmu (€275.71) bl-imghax legali, mid-19 ta' Lulju, 2013, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1661/13, ikunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------